MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2003

Rikors Numru. 23/2003/1

**Rikors Nru: 23/03**

***L-Avukat Dott. Simon Galea Testaferrata, Camilla mart John Scerri, Maria u James, ilkoll ahwa Galea Testaferrata***

***versus***

***Dr. Tonio Azzopardi u P.L. Mario Mifsud Bonnici li b'digriet ta' 1 ta' Ottubru 2002 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-inkwilin mhux maghruf tal-fond numru 22, is-Saqqajja, Rabat, Malta***

Il-Bord,

Ra <u>r-rikors</u>

Illi huma sidien tal-fond numru 22, is-Saqqajja, Rabat, Malta, li kien fiz-zmien mikri lis-socjeta’ Grech & Hicks Shoe Company Limited, versu l-kera annwali ta’ sitta u sittin lira Maltin (Lm66.00), pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem;

Illi s-socjeta’ inkwilina giet struck off mir-Registru tal-Kumpaniji, u ghalhekk l-esponenti talbu l-hatra tal-kuraturi deputati;

Illi s-socjeta’ inkwilina, jew minn semmai issostitwiha b’xi mod, naqset li thallas il-kera dovuta ghal dawn l-ahhar 14-il sena, cioe’ l-1988 sal-2002, u dan minkejja li giet debitament interpellata sabiex taghmel dan permezz ta’ ittra ufficjali datata 9 ta’ Settembru 2002, u notifikata lill-kuraturi deputati fl-10 ta’ Ottubru 2002, u ohra datata 24 ta’ Frar 2003, notifikata lill-kuraturi deputati fil-25 ta’ Frar 2003, kif ser jigi ppruvat f’aktar dettal waqt ut-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors;

Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti jitolbu umilment lil dan il-Bord jawtorizzahom biex fl-iskadenza li tmiss, u cioe’ fil-11 ta’ Marzu 2003, ma jgeddux il-lokazzjoni tal-fond numru 22, is-Saqqajja, Rabat, Malta, favur l-intimati, jiddikjara l-lokazzjoni terminata, jordna lill-intimati jivvakaw mill-imsemmi fond u jirritornaw il-pussess battal tal-istess, fi zmien qasir u perentorju.

Ra r-risposta

Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Sema’ x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti u l-atti kollha.

Ra l-verbal tat-28 ta’ Mejju, 2003.

Ikkunsidra,

1. Dan huwa rikors dwar nuqqas ta' hlas puntwali ta' kera u mhabba f'hekk qed issir talba ghall-izgumbrament. Saret ittra ufficjali fid-9 ta' Settembru 2002 ghal hlas ta' arretrati ta' kera ghall-erbatax-il sena sal-11 ta' Marzu 2002, notifikata fit-8 ta' Ottubru, 2002. Ohra saret ghal hmistax-il sena sal-11 ta' Dicembru 2002 notifikata fl-24 ta' Frar 2003.

2. L-interpellazzjonijiet saru kif titlob il-ligi u skond ix-xhieda tar-rikorrent Dottor Simon Galea Testaferrata hlas qatt ma sar ghalkemm ghadda z-zmien moghti mill-ligi biex il-kerrej iwettaq il-hlas.

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jergghu jiehdu f'idejhom il-fond 22, Is-Saqqajja, ir-Rabat, Malta. Ghall-ghan tat-tkeccija jaghti xahar zmien m'illum. L-ispejjez jithallasu mill-intimati.

Dep/Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------